MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2012

Numru 917/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Jason Emanuel Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Jason Emanuel Bugeja ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Leo u Margaret nee' Bartolo, imwieled l-Awstralja nhar id-29 ta' Ottubru 1988 u residenti Escalope Flats, Flat 2, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta ta' l-Identità Maltija bin-Numru 152302(L) talli:

1. Nhar id-9 ta' Settembru 2012 ghall-habta tas-02:00 hrs fi Triq Dawret il- Gzejjer, San Pawl il-Bahar, ikkaguna

griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-Kuntistabbli Jurgen Falzon;

2. Kif wkoll talli fl-istess hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tas-Surgent Renaldo Cremona;

3. Kif wkoll talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb ta’ xorta li titqies vjolenza pubblika kontra PS 1574 Renaldo Cremona u PC 1189 Jurgen Falzon, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil- waqt li kienu qed jagixxu fl-esekuzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skont il- ligi mill-Awtorità kompetenti;

4. Kif ukoll talli fl-istess hin u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq PS 1574 Renaldo Cremona u PC 1189 Jurgen Falzon persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu, jew minhabba li kienu qieghdin jaghmlu dak is-servizz, bil-hsieb li tbezza jew li tinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-ezekuzjoni ta’ dak is-servizz;

5. Kif ukoll talli fl-istess hin u cirkostanzi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma taccedix €23.29 u ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Kif ukoll talli fl-istess hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b’ghajjat u glied;

7. Kif ukoll talli fl-istess hin u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku;

8. Kif ukoll talli fl-istess hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja markat Dok. “JB1”, estratt mic-certifikat tat-twelid tal-imputat markat Dok. “JB2”, fedina penali ta’ l-imputat markata Dok. “JB3”, Rapport tal-Pulizija markat Dok. “JB4”, ir-Rifjut ghall-Jedd tal-Parir Legali markat Dok. “JB5”, Stqarrija rilaxxjata mill-imputat markata Dok. “JB6”, certifikat mediku relattiv ghal PS 1574 Renaldo Cremona markat Dok. “JB7” u certifikat mediku relattiv ghal PC 1189 Jurgen Falzon markat Dok. “JB8”;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza u rat li l-imputat talab skuza lill-Ufficjali kollha tal-Pulizija li kienu involuti f'dan il-kaz;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu l-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuzi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u talab apologija lill-Ufficjali tal-Pulizija kollha li kienu involuti f'dan il-kaz, kif ukoll il-fatt li hawn si tratta ta' l-istess fatt, rizultanti mill-istess u unika intenzjoni kriminali, li ta lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi disposizzjonijiet tal-Ligi u ghalhekkma hemmx diversi reati izda hemm reat wiehed, bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. Madanakollu però hadet in konsiderazzjoni wkoll il-gravità u serjetà ta' l-incident in kwistjoni u ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 95, 96(a), 221(1), 325(1)(d), 338(bb), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz hemm lok li din is-sentenza ta' prigunerija tigi sospiza, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' hames (5) xhur prigunerija ghal perijodu ta' sena (1) b'effett mill-llum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In oltre a tenur ta' l-Art. 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------